

32003R0452

L 69/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.3.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 452/2003**tas-6 ta' Marzu 2003****dwar il-miżuri li l-Komunità tista' tadotta relatati ma' l-effett ikkombinat ta' miżuri kontra r-rimi u kontra s-sussidju b'miżuri ta' salvagwardjar**

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ⁽¹⁾, il-Kunsill adotta regoli komuni għall-protezzjoni kontra l-importazzjoni ta' oġġetti għar-rimi minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità.
- (2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 ⁽²⁾, il-Kunsill adotta regoli komuni għall-protezzjoni kontra l-importazzjoni issussidjata minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità.
- (3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 519/94 ⁽³⁾ u (KE) Nru 3285/94 ⁽⁴⁾, il-Kunsill adotta regoli komuni sabiex jadotta miżuri ta' salvagwardjar kontra l-importazzjoni minn ċerti pajjiżi mhux membri tal-Komunità. Il-miżuri ta' salvagwardjar jistgħu jkunu f'forma ta' tariffi applikabbli jew għall-importazzjoni kollha jew għal dawk l-affarjiet impurtati aktar mill-kwantità pre-determinata. Miżuri ta' salvagwardjar bħal dawn jimplikaw li l-merkanzija hija eliġibbli sabiex tidħol fis-suq tal-Komunità meta jitħallas id-dazju meħtieġ.
- (4) L-importazzjoni ta' ċerta merkanzija tista' tkun soġġetta għal miżuri kemm kontra r-rimi kif ukoll kontra s-sussidju fuq naħa waħda u miżuri ta' tariffi ta' salvagwardjar fuq in-naħa l-oħra. L-għanijiet ta' l-ewwel huma li tirranġa xi taħwid fis-suq, magħmul minn prattiċi ta' kummerċ mhux ġusti, u l-għanijiet ta' l-oħra huma li taċċerta kontra importazzjonijiet miżjuda wisq.
- (5) Madankollu, it-tagħqida ta' miżuri kontra r-rimi jew kontra s-sussidji ma' miżuri ta' tariffi ta' salvagwardjar fuq wieħed u l-istess prodott jista' jkollhom effett akbar minn dak maħsub jew mixtieq fit-termini tal-politika u ta' l-għanijiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Komunità.

B'mod partikolari, tagħqida ta' miżuri bħal din tista' tkun ta' piż kbir fuq ċerti produttori/esportaturi li jfittxu li jesportaw lejn il-Komunità, u għalhekk jista' jkun hemm l-effett li ma jkollhomx aċċess għas-suq tal-Komunità.

- (6) Għaldaqstant, produttori/esportaturi li jfittxu li jesportaw lejn il-Komunità m'għandhomx ikunu soġġetti għall-piżijiet kbar u m'għandux ikompli jkollhom aċċess għas-suq tal-Komunità.
- (7) Huwa għalhekk mixtieq li l-assigurazzjoni ta' l-għanijiet ta' miżuri ta' tariffi ta' salvagwardjar u ta' dawk kontra r-rimi jew/u kontra s-sussidju jintlaħaq mingħajr ma jiċċaħħad l-aċċess għas-suq tal-Komunità lil dawk il-produttori/esportaturi.
- (8) Għalhekk, dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu introdotti sabiex iħallu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fejn huma jikkonsidraw xieraq, jieħdu azzjoni bl-għan li jassiguraw li kumbinazzjoni ta' miżuri kontra r-rimi jew kontra s-sussidju b'miżuri ta' tariffi ta' salvagwardjar fuq l-istess prodott ma jkollhomx effett bħal dan.
- (9) Għalkemm id-dazju ta' salvagwardjar u l-miżuri kontra r-rimi jew kontra s-sussidju jistgħu jkunu applikabbli b'mod simultanju fuq l-istess prodott, mhux dejjem huwa possibli li tiddetermina minn qabel f'liema punt preċiż fiż-żmien dan jista' jseħħ. Għalhekk, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu għal sitwazzjoni bħal din b'mod li jassigura tbassir suffiċjenti u ċertezza legali għall-operaturi kollha kkonċernati.
- (10) Il-Kunsill u l-Kummissjoni jistgħu jikkonsidraw xieraq li jagħmlu emendi, li jissospendu jew li jirrepellaw miżuri kontra r-rimi jew kontra s-sussidju jew li jipprovdu għal eżenzjonijiet sħaħ jew f'partijiet minn xi dazji kontra r-rimi jew li jikkontrobalanċjaw li b'mod ieħor dawn jistgħu jithallu, jew li jadottaw xi miżuri oħra speċifiċi. Kwalunkwe sospensjoni jew emenda, jew eżenzjoni minn miżuri kontra r-rimi jew kontra s-sussidju għandhom jingħataw biss għal perjodu limitat ta' żmien.
- (11) Kwalunkwe miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu applikati mid-data tad-dħul fis-seħħ, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor, u għalhekk m'għandhomx jipprovdu bażi sabiex jirrimborżaw dazji miġbura qabel dik id-data,

(1) ĠU L 56, tas-06.03.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1972/2002 (ĠU L 305, tas-07.11.2002, p. 1).

(2) ĠU L 288, tal-21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1973/2002 (ĠU L 305, 07.11.2002, p. 4).

(3) ĠU L 67, ta' l-10.03.1994, p. 89. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1138/98 (ĠU L 159, tat-03.06.1998, p. 1).

(4) ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 53. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2474/2000 (ĠU L 286, tal-11.11.2000, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fejn il-Kummissjoni tikkonsidra li taġġida ta' miżuri kontra r-rimi u ta' kontra s-sussidju fuq l-istess importazzjonijiet tista' twassal għall-effetti akbar milli mixtieq fit-termini tal-politika ta' difiża tal-Komunità, hija tista', wara li tikkonsulta l-Kumitat Avviżorju stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 384/96 jew bl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97, tipproponi lill-Kunsill li, taġixxi b'maġġoranza sempliċi, tadotta xi miżuri minn dawn li ġejjin hekk kif jidrilha li hu xieraq:

- (a) miżuri sabiex temenda, tissospendi, jew tirripella l-miżuri eżistenti kontra r-rimi u/jew kontra s-sussidju;
- (b) miżuri biex teżenta importazzjonijiet sħaħ jew f'partijiet minn dazji kontra r-rimi jew li jikkontrobalanċjaw u b'mod ieħor jit-ħallsu;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplessità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Marzu 2003.

(c) kwalunkwe miżura speċjali oħra kkunsidrata xierqa fiċ-ċirkostanza.

2. Xi emendi, sospenzjoni jew eżenzjoni skond paragrafu 1 għandha tkun limitata fiż-żmien u għandhom jgħoddu biss meta l-miżuri rilevanti ta' salvagwardjar huma fis-seħħ.

Artikolu 2

Kwalunkwe miżura adottata skond dan ir-Regolament għandha tgħodd mid-data tal-bidu fis-seħħ. M'għandhiex isservi bħala bażi għal rimborż ta' dazji miġbura qabel dik id-data, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Fisem il-Kunsill

Il-President

D. REPPAS